**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors numru : 389/16 AL

**AB**
**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti u li permezz taghha ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' April 1982 fil-Knisja ta' Fatima, f'Gwardamangia. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument A.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li huma t-tnejn maggjorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Awissu tas-sena 2007 u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjoni fl-Atti tan-

Nutar Dottor Marco Farrugia. Kopja ta' dan il-kuntratt qed jigi jhawn anness u mmarkat Dokument B.

Illi m' hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom oltre tlettax il-sena mifrudin de facto, illum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut mill-partijiet lil xulxin stante illi t-tfal tal-partijiet huwa t-tnejn maggjorenni u il-kuntratt ta' separazzjoni fuq riferit ma jistipula l-ebda manteniment ghall-partijiet.

Illi r-rikorrent jikkonferma illi l-partijiet ottemperaw ruhhom bi shih ma' l-obbligi reciproci taghhom fil-Kuntratt ta' separazzjonijiet.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab filwaqt li taghmel riferenza ghas-suespost li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Awwissu 2016 ;

Semghet lil Dr. Frank Testa li jirraprezenta lill-intimata jiddikjara li l-intimata m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-10 ta' Awwissu 2007 ;

Illi r-rikorrenti ippruva ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul ;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.